**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 62/13VG**

**Vincent Catania**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

**Illum 3 ta' Lulju 2020**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn Vincent Catania fis-16 ta' Marzu 2012 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jiġi ordnat jirrifondilu l-penali amministrattivi u l-imgħaxijiet già mħallsa minnu u dana billi: (i) huwa għandu skużanti raġjonevoli għas-sottomissjoni tardiva tad-denunzji tat-taxxa tiegħu u għall-ħlas bin-nieqes tat-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta minnu; u (ii) fi kwalunkwe każ għandu jibbenefika mit-tħassir ta' imgħax u penali amministrattivi kif previst fl-Avviż Legali 456 ta' l-2011;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur ossia l-ittra datata 16 ta' Novembru 2010, iċ-Ċertifikat maħruġ mill-Psikjatra Dr. George Debono, l-ittra datata 30 ta' Settembru 2011, l-ittra datata 30 ta' Novembru 2011 u l-iskeda A kontenenti r-raġunijiet fuq liema r-Rikorrent jibbaża t-talbiet tiegħu;

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) permezz ta' liema jopponi għat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra ir-Rikorrent, stante li l-pretensjonijiet fuq liema jibbaża t-talbiet tiegħu huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2014[1] u x-xhieda ta' Lourdes Briffa, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2014[2];

---

[1] Fol. 28 sa' 32 tal-proċess.
[2] Fol. 38 sa' 41 tal-proċess.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 46 sa' 48 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 55 sa' 58 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jressaq Referenza quddiem it-Tribunal ai termini ta' l-Artikolu 44(k) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima ... dwar l-imposizzjoni ta' kull penali amministrattiva, ħlief meta imposta bħala riżultat ta' stima, dik il-kwistjoni tista' tiġi riferita lit-Tribunal minn kull persuna li turi għas-sodisfazzjon tat-Tribunal li għandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.* Huwa jesiġi u jitlob li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jiġi ordnat jirrifondilu l-penali amministrattivi u l-imgħaxijiet minnu mħallsa stante li : (i) huwa għandu skużanti raġjonevoli għas-sottomissjoni tardiva tad-denunzji tat-taxxa tiegħu u għall-ħlas bin-nieqes tat-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta minnu; u (ii) fi kwalunkwe każ għandu jibbenefika mit-tħassir ta' imgħax u penali amministrattivi kif previst fl-Avviż Legali 456 ta' l-2011.

Ir-Rikorrent jibbaża r-Referenza, non che t-talbiet tiegħu, fuq is-segwenti pretensjonijiet:

- *Penalties and interest have been imposed on Mr. Vincent Catania on account of late filing of VAT returns relative to VAT number MT15954624. The failure on the part of Mr. Catania to submit returns and affect payment of resulting VAT on time is attributable to a reasonable excuse as clearly disclosed and explained in the appellant's letter of the 16th November 2010. The failure is attributable to Mr. Catania's poor state of health and state of depression as evidenced by a medical certificate issued by Psychiatrist Dr. George Debono dated 2nd November 2010, a copy of which has already been submitted to the Commissioner together with Mr. Catania's letter of the 16th November 2010. The Commissioner replied on the 30th September 2011 (10 months later) denying Mr. Catania's request. The Commissioner issued a second letter on the 30th November 2011 informing Mr. Catania that a portion of the penalties originally imposed were being waived - the waived penalties amounted to €906.02. However, the imposition of the penalties and interest was confirmed;*
- *No penalties should have been imposed on Mr. Catania as the default in question was clearly attributable to a reasonable excuse on his part. In view of existence of a reasonable excuse as envisaged in Article 42(1)(a) of the Value Added Tax Act, the Commissioner was bound to remit and waive all penalties. Remission in part is allowed in case where an appellant fails to prove that there is a reasonable excuse for a default as provided for in Article 41(1)(b). It is submitted that the deterioration in Mr. Catania's state of mental health as evidenced by a medical report constitutes a reasonable excuse for the purposes of Article 42(1)(a) and as such, all penalties should be waived;*
- *The appellant is further aggrieved by the fact that the Ministry of Finance announced a VAT amnesty in the 2012 Budget Speech (subsequently prescribed by means of Legal Notice 456, 2011) which would have benefitted Mr. Catania had*

*the Commissioner not instituted legal proceedings against Mr. Catania. Reference is made to Case 146a decided by the First Hall Civil Court (Constitutional Jurisdiction) on the 11th July 2005 (A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) where in a similar case, the appellant effected payment of VAT and penalties following pressure from the VAT Department. After having paid, Government issued an amnesty through which persons not having paid the tax due could benefit from a deduction on the additional taxes imposed. The applicant held that this was discriminatory towards him and the Court held that the applicant should benefit from the amnesty and therefore ordered the Commissioner to refund the excess penalties paid;*

- *Following the submission of Mr. Catania's letter of the 16th November 2010 to the Commissioner of VAT requesting a waiver of penalties and interest Mr. Catania was forced to sell his personal immovable property to be able to pay the sum of €56,148 on the 15th January 2011 pursuant to a judicial act filed by the Commissioner of VAT on the 13th September 2010 for the recovery of outstanding VAT balance due by Mr. Catania;*
- *In view of the fact that Mr. Catania had already paid the outstanding balance sum of €56,148 in full on the 15th January 2011, Mr. Catania humbly requests the Appeals Board to decide that the Commissioner refunds the penalties and interest in addition to the minor portion of the penalties amounting to €906.02 that has already been waived by the Commissioner by means of this letter of the 30th November 2011. Subordinately but without prejudice to the above, appellant Mr. Catania requests the Board to order the Commissioner to refund the excess penalties and interest that Mr. Catania would have been entitled had he benefited from the amnesty announced in the 2012 Budget Speech (Legal Notice 456, 2011)*[3].

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jiġu miċħud in kwantu għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Il-Kummissarju jibbaża l-opposizzjoni tiegħu għat-talbiet tar-Rikorrenti fuq is-segwenti pretensjonijiet: (i) ladarba r-Rikorrent issottometta d-denunzji tat-taxxa tiegħu tardivament u per di più mingħajr il-ħlas kollu dovut, huwa kien in vjolazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament ta' l-Artikolu 27(4) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) a tenur ta' l-Artikolu 67(1) sa' (3) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna reġistrata mad-Dipartiment għandha tħallas taxxa, penali amministrattivi u imgħax, hekk kif teffettwa pagament dan imur l-ewwel verso l-imgħax, imbagħad verso l-penali amministrattivi u finalment verso t-taxxa dovuta; (iii) ir-Rikorrent ma huwa intitolat għal ebda maħfra tal-penali amministrattiva imposta fuqu stante li ma ppruvax li kellu skużanti raġjonevoli għas-sottomissjoni tardiva u nuqqas ta' ħlas tat-taxxa dovuta; (iv) bl-istess mod ir-Rikorrent ma jista' jibbenefika minn ebda amnestija, b'mod partikolari dik prevista fl-Avviż Legali 456 ta' l-2011, stante li fil-15 ta' Ottubru 2011 il-bilanċ tiegħu mad-Dipartiment kien *nil* u ladarba din kienet is-sitwazzjoni ma kien hemm l-ebda penali jew interessi x'jinħafrulu; (v) fi kwalunkwe każ, l-Avviż Legali 456 ta' l-2011 ma daħalx fis-seħħ b'mod retroattiv tant illi r-Regolament 5 ta' l-imsemmi Avviż Legali jipprovdi li: *xejn f'dawn ir-regolamenti ma għandu jintitola xi persuna li titlob rifużjoni ta' xi ammont li jirrappreżenta imgħax jew penali amministrattiva digà mħallsa lill-Kummissarju skond il-provedimenti ta' l-Atti.*

[3] Skeda A annessa mar-Rikors promotur.

Minn dan kollu s'issa osservat jirriżulta b'mod ċar li l-pretensjonijiet tar-Rikorrent fil-każ in eżami huma bbażati fuq żewġ binarji: (i) il-mħafra tal-penali amministrattivi w imgħaxijiet a bażi ta' l-Artikolu 42 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) it-tħassir tal-penali amministrattivi w imgħax bis-saħħa ta' l-Iskema ta' l-Amnestija tal-VAT introdotta bl-Avviż Legali 456 ta' l-2011 - fejn kull waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet għandha, skontu, twassal għar-refużjoni tal-penali amministrattivi w imgħaxijiet minnu mħallsa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

It-Tribunal ser jittratta kull waħda minn dawn iż-żewġ binarji fuq liema r-Rikorrent jibbaża t-talbiet tiegħu u se jibda l-ewwel bil-pretensjoni li l-penali amministrattivi u imgħaxijiet għandhom jinħafru - u b'hekk jiġu lilu rifużi mill-Kummissarju tat-Taxxi - in bażi għall-provvedimenti ta' l-Artikolu 42 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Skużanti raġonevoli a tenur ta' l-Artikolu 42 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta:**

L-Artikolu 42 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, ossia l-2010 meta r-Rikorrent avvanza t-talba tiegħu għall-maħfra tal-penali amministrattivi w imgħaxijiet, kien jipprovdi li: *(1) bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 37 sa' 41, it-tnejn inklużi - (a) l-ebda penali amministrattiva ma għandha tkun dovuta minn persuna għal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm skużanti raġonevoli għal dak in-nuqqas; (b) jekk persuna ma turix li hemm skużanti raġonevoli għal xi nuqqas, iżda l-Kummissarju jkun tal-fehma li n-nuqqas irriżulta minn ċirkostanzi partikolari li jkunu jistħoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattiva, huwa jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaħfer parti mill-penali amministrattiva għal dak in-nuqqas; (ċ) jekk il-Kummissarju jkun tal-fehma li dak in-nuqqas irriżulta minn żball ġenwin huwa jista' jaħfer għal kollox jew parti mill-penali amministrattiva għal dak in-nuqqas. (2) Għall-finijiet tal-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) - (a) il-fatt li ma jkunx hemm fondi biżżejjed mnejn titħallas xi taxxa dovuta; jew (b) meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja, ma jitqisux li huma skużanti raġonevoli. (3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 43 u 44, l-użu tad-diskrezzjoni tal-Kummissarju għall-finijiet tal-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ma għandu bl-ebda mod jiġi kontestat f'xi appell jew f'xi riferenza magħmula lill-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.*

Jibda billi jiġi osservat illi t-talba tar-Rikorrent **għall-maħfra ta' l-imgħaxijiet** ibbażata fuq l-Artikolu 42 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tirnexxi u dana billi l-imsemmi artikolu tal-Liġi jittratta biss dwar penali amministrattivi imposti fuq it-*taxpayer* a tenur ta' l-Artikoli 37 sa' 41 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi meta tali penali amministrattivi hekk imposti jistgħu jiġu maħfura mill-Kummissarju tat-Taxxi. Imkien f'dan l-artikolu tal-Liġi ma jsir ebda aċċenn għall-maħfra ta' imgħaxijiet u għaldaqstant it-talba tar-Rikorrent għall-maħfra ta' l-imgħaxijiet hekk ibbażata fuq l-Artikolu 42 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, hija ġuridikament insostenibbli u konsegwentement ma tistax tiġi ikkunsidrata u wisq inqas milqugħa.

Min-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent jirriżulta b'mod ċar li t-talba tiegħu għar-refużjoni tal-penali amministrattivi minnu mħallsa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hija **primarjament** ibbażata fuq il-kunċett ta' skużanti raġonevoli a tenur tas-subartikolu (1)(a) ta' l-Artikolu 42 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u **subordinatament** fuq il-kunċett taċ-ċirkostanzi partikolari li jkunu jistħoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattivi a tenur tas-subartikolu (1)(b) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi. In effetti huwa jissottometti li: *l-appellant isostni illi d-deterjorament tas-saħħa mentali tiegħu u d-depression li ġarrab tikkostitwixxi skużanti raġonevoli ai fini tal-paragrafu (a) ta' l-imsemmi artikolu 42(1) u għaldaqstant iħoss li d-Direttur Ġenerali kellu jaħfirlu l-penalitajiet. Il-Liġi titlob b'mod ċar illi jkun hemm żewġ elementi: (a) 'skużanti raġonevoli' u (b) li l-persuna turi li hemm tali skużanti. L-appellant umilment isostni li l-eżistenza tal-marda tiegħu kif iċċertifikata mill-psikjatra Dr. George Debono fiċ-ċertifikat mediku tat-2 ta' Novembru 2010 li jinsab fl-atti, qatt ma ġiet ikkontestata mid-Direttur u li huwa wera li kien hemm tali skużanti f'waqtha. Għaldaqstant, l-appellant ma jistax jifhem għaliex id-Direttur Ġenerali dam għaxar xhur biex jirrispondi għal talba ta' maħfra bil-miktub u fuq liema bażi wasal għall-konklużjoni li r-raġuni li ressaq l-appellant ma kienetx valida. Id-disposizzjoni tal-liġi fl-imsemmi paragrafu (a) ta' l-art. 42(1) neċessarjament titlob li kemm-il darba jissussistu ż-żewġ elementi elenkati fuq (cioè, il-presenza u l-evidenza ta' l-iskużanti raġonevoli) id-Direttur huwa obbligat li jaħfer il-penali għaliex il-liġi tgħid "li ebda penali amministrattiva ma għandha tkun dovuta {...}" u imkien ma tgħid illi id-Direttur jista' jikkunsidra jew li jista' jilqa' jew li jista' jaħfer il-penali; Illi d-diskrezzjoni tad-Direttur għandha tintuża fil-każijiet ikkontemplati fil-paragrafu (b) ta' l-istess 42(1) soppraċitat - din id-disposizzjoni hija limitata għal każijiet fejn persuna ma turix li hemm skużanti raġonevoli għal xi nuqqas - f'dan il-każ, fejn id-Direttur Ġenerali jkun tal-fehma li n-nuqqas irriżulta minn ċirkostanzi partikolari li jkun jistħoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattiva, huwa jista', fid-diskrezzjoni tiegħu jaħfer parti mill-penali. L-appellant mhux qed jikkontesta l-użu ta' diskrezzjoni da parti ta' l-appellat Direttur għaliex skond hu, dan huwa każ li jinkwadra taħt il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 42(1) għaliex l-appellant kellu skużanti raġonevoli u għaliex huwa wera tali skużanti. Jekk id-Direttur Ġenerali deherlu li l-appellant ma weriex li hemm skużanti raġonevoli, umilment jissottometti li l-appellat kellu jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari ta' l-appellant, jaħfer il-penali jew parti minnhom*[4].

Essenzjalment ir-Rikorrent jikkontendi li huwa kien tardiv fis-sottomissjoni tad-denunzji tat-taxxa tiegħu u għamel ħlas bin-nieqes tat-taxxa minnu dovuta minħabba l-istat ta' saħħa mentali tiegħu, stat li skontu wassal biex hu ma kienx f'qagħda jmexxi n-negozju tiegħu bil-mod kif suppost. Huwa jipprova jissosstanzja dak minnu affermat b'ċertifikat maħruġ mill-Psikjatra Dr. George Debono datat 2 ta' Novembru 2010, esebit flimkien mar-Rikors promotur. Dan l-istess ċertifikat ġie ippreżentat mir-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud iżda ma ġiex minnu aċċettat la bħala prova ta' skużanti raġonevoli għan-nuqqasijiet tar-Rikorrent bħala prova ta' l-eżistenza ta' ċirkostanzi partikolari li jkun jistħoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattivi imposti.

---

[4] Para. 5 u 6 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 46 sa' 48 tal-proċess.

Wara li qies sew il-provi prodotti u b'mod partikolari ċ-ċertifikat maħruġ mill-Psikjatra Dr. George Debono t-Tribunal ma jistax għajr li jaqbel mal-Kummissarju tat-Taxxi li r-Rikorrent la wera li kellu skużanti raġonevoli għan-nuqqasijiet minnu imwettqa u lanqas ma wera li fil-każ tiegħu jissussistu ċirkostanzi partikolari li jkun jistħoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattivi imposti fuqu.

Mix-xhieda tar-Rikorrent stess mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2014[5] jirriżulta li r-raġuni primarja għalfejn r-Rikorrent naqas milli jissottometti d-denunzji tat-taxxa tiegħu fiż-żmien u li jagħmel ħlas bis-sħiħ tat-taxxa minnu dovuta, kienet minħabba nuqqas ta' fondi għaliex kellu ħafna spejjeż li ma setax ilaħħaq magħhom. Di fatti huwa ddikjara *x-xogħol kien sejjer lura u bħala spejjeż kelli mhux ħażin. Kelli ħames lavranti, li tnejn minnhom kienu jiġu ħut il-mara tiegħi u kelli wisq pressure, pressure qawwi ħafna. ... Biex inħallas l-interessi u l-multi. ... Kienu għafsuni biex inħallas il-multi u l-interessi wkoll. ... L-ammont kien €56,000, bħala multi w interessi. ... Jien wasalt għall-konklużżjoni li kelli post f'Tas-Sliema u wasalt biex inbiegħu. ... Kelli flat f'Dingli Street. ... dik kienet ir-residenza tiegħi.* Dwar kuntatt li seta' kien hemm mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud qabel ma tħallsu l-penali amministrattivi u l-imgħaxijiet ir-Rikorrent iddikjara li *darba minnhom kitiblu l-accountant tagħna kien. Fejn qallu u għandhek l-ittra suppost hemm, qallu li x-xogħol kien sejjer lura. ... Jiena ma stajtx inlaħħaq ma' l-ispejjeż li kien hemm.* Kien biss wara li spjega dan kollu li r-Rikorrent iddikjara li *jien ma bdejtx nersaq lejn il-ħanut minħabba d-depression li kelli.*

Dwar din l-allegata *depression* li kellu r-Rikorrent, huwa esebixxa, kif già osservat, ċertifikat maħruġ mill-Psikjatra Dr. George Debono datat 2 ta' Novembru 2010, liema ċertifikat però se mai jiċċertifika l-istat tar-Rikorrent dak iż-żmien, ossia fl-2010, u mhux fil-perijodi ta' taxxa pertinenti għad-denunzji li ġew sottomessi tardivament u fir-rigward ta' liema sar pagament bin-nieqes.

Mir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi jirriżulta li d-denunzji tat-taxxa li ġew sottomessi tardivament kienu għal sittax-il perijodu ta' taxxa mill-1 ta' Settembru 2003 sal-31 ta' Awwissu 2007 u bil-ħlas eventwalment effettwat verso t-taxxa dikjarata ta' Lm18,300, illum ekwivalenti għal €42,627.53, tħallas biss l-ammont ta' Lm8,413.20, illum ekwivalenti għal €19,597.48. Dawn il-fatti ma ġewx kontradetti mir-Rikorrent u għalhekk dak li kellu jipprova huwa li fiż-żgur tul il-perijodu mill-1 ta' Settembru 2003 sal-31 ta' Awwissu 2007 huwa kellu skużanti raġonevoli għalfejn naqas milli jissottometti d-denunzji tat-taxxa tiegħu entro t-termini stipulati fil-Liġi u għalfejn il-pagament minnu eventwalment effettwat ma kienx ikopri t-taxxa kollha minnu ddikjarata. Din il-prova però, li kuntrarajment għal dak pretiż mir-Rikorrent, tikombi esklussivament lilu, ma saritx in kwantu kif ingħad mix-xhieda tar-Rikorrent toħroġ verità mod ieħor u ċ-ċertifikat tal-Psikjatra Dr. George Debono jirreferi għas-sena 2010.

Apparte minn dan kollu, it-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li l-Psikjatra Dr. George Debono ma ttellax bħala xhud mir-Rikorrent u b'hekk, apparte l-fatt li ma ikkoroborax dak allegat mir-Rikorrent dwar l-istat ta' saħħa mentali tiegħu, iċ-

[5] Fol. 28 sa' 32 tal-proċess.

ċertifikat maħruġ minnu baqa' ma ġiex minnu kkonfermat. B'hekk fi kwalunkwe każ u sa' ċertu punt anke indipendentement mill-fatt li ċ-ċertifikat jirreferi għas-sitwazzjoni kif kienet fl-2010, in-nuqqas tal-konferma taċ-ċertifikat mill-Ispeċjalist li ħarġu serjament jimpinġi fuq il-valur probatorju ta' l-istess ċertifikat. Din l-osservazzjoni tat-Tribunal hija bbażata fuq il-prinċipji li *jekk dokument esebit ma jiġix ikkonfermat bil-ġurament 'ma jiswiex bħala prova tal-kontenut tiegħu'*[6] u li *l-Qorti ma tistax toqgħod fuq dokument li mhux konfermat minn min irrediġieh, li għandu jkun ukoll passibbli għall-kontro-eżami*[7].

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ir-Rikorrent ma rnexxilux jipprova li kellu skużanti raġonevoli għas-sottomissjoni tardiva tad-denunzji tat-taxxa tiegħu u għall-ħlas bin-nieqes tat-taxxa dovuta minnu u konsegwentement il-maħfra tal-penali amministrattivi kontemplata fl-Artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tiskatta. Bl-istess mod lanqas ma rnexxielu jipprova li jista' jibbenefika mill-maħrfa tal-penali amministrattivi a bażi ta' l-Artikolu 42(1)(b) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma jirriżultawx ċirkostanzi partikolari li jistħoqqilhom tnaqqis ta' l-imsemmija penali amministrattivi.

Għaldaqstant it-talba tar-Rikorrent għar-refużjoni tal-penali amministrattivi già imħallsa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kif ibbażata fuq l-Artikolu 42 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

**Tħassir ta' l-imgħaxijiet u penali amministrattivi a tenur ta' l-Avviż Legali 456 ta' l-2011:**

Ir-Rikorrenti jikkontendi li huwa ġie inġustament imċaħħad mid-dritt li jużufruwixxi mit-tħassir ta' l-imgħaxijiet u penali amministrattivi mħabbar fid-diskors tal-Budget għas-sena 2012 u kontemplat fl-Avviż Legali 456 ta' l-2011, peress illi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud istitwixxa proċeduri fil-konfront tiegħu li wasslu biex qabel ma' l-amnestija in kwistjoni daħlet fis-seħħ huwa jħallas l-imgħaxijiet u pieni amministrattivi li kienu dovuti minnu. Jippretendi għalhekk li a bażi tar-Regolamenti enunċjati fl-Avviż Legal 456 ta' l-2011, dawn l-imgħaxijiet u penali amministrattivi mħallsa minnu jiġu refużi lilu mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Ir-Rikorrent jibbaża din il-pretensjoni fuq dak osservat u konsegwentement deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet **Woodline Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Rik. Nru. 11/04** deċiża fil-11 ta' Lulju 2005.

Fl-imsemmi każ, fejn is-soċjetà Woodline Limited b'konsegwenza ta' proċeduri li ittieħdu fil-konfront tagħha għall-ġbir tat-taxxa, ukoll effettwat ħlasijiet lill-

---

[6] L-Avukat Dr. Josè A. Herrera noe v. Alfred Pace et noe, Ċitaz. Nru. 422/88 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Novembru 2002

[7] Anthony Chircop et noe v. John Zammit noe et, Ċitaz. Nru. 1136/94 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Novembru 2002.

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fi żmien qabel ma daħlu fis-seħħ skemi ta' amnestija dwar imgħaxijiet u penali amministrattivi, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) osservat u ddeċidiet illi: *il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni li s-soċjetà ma sofriet ebda preġudizzju billi ħallset it-taxxa u l-penali. Il-preġudizzju hu ċar u jikkonsisti f'li kieku ma saritx pressjoni diskriminatorja speċjali fuqha aktar milli sar fil-kwantità kbira ta' każijiet oħra, ma kienx isir il-ħlas u kienet tibbenefika mill-amnestija bħal tant oħrajn. Dwar it-tieni eċċezzjoni li l-obbligu tal-ħlas tat-taxxi ma jivvjolax l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol, dan mhux in diskussjoni. Dak li ssostni s-soċjetà rikorrenti li dan l-artikolu jrid jinqara flimkien ma' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u dawn jwasslu għal diskriminazzjoni kontra s-soċjetà rikorrenti. Għalhekk din l-eċċezzjoni hi ukoll miċħuda. Fuq l-eċċezzjoni dwar il-legitimate expectation din il-Qorti ma tħossx il-bżonn li tippronunzja ruħha fuqha għax lanqas eżaminata min-naħa tat-talbiet rikorrenti. Għalhekk tiddikjara li permezz ta' l-aġir ta' l-intimat hawn fuq spjegat ġew leżi d-drittijiet umani u fundamentali tagħha ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem hekk kif reż applikabbli mill-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem. Tordna li s-soċjetà kummerċjali rikorrenti tiġi inkluża mill-intimat fl-Iskema ta' Tnaqqis tat-Taxxa Addizzjonali li tħabbret fil-Budget tas-sena 2002 u wkoll tordna lill-istess intimat illi jħallas u jirrifondi lura lis-soċjetà kummerċjali rikorrenti dik is-somma li tirrappreżenta d-differenza bejn dak li effettivament hija ħallset bħala penali u imgħax għall-VAT 1995 u dak li setgħet gawdiet mill-Iskema hawn fuq imsemmija.*

Għalkemm ir-Rikorrent jisħaq ħafna fuq din id-deċiżjoni u fil-fatt jibbaża t-talba tiegħu fuqha, it-Tribunal josserva li dik l-istess sentenza ġiet imħassra u revokata b'deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali pronunċjata fis-27 ta' Jannar 2006 - ossia iktar minn erba' snin qabel ma nqala' l-każ odjern bejn ir-Rikorrent u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Fis-sentenza Tagħha l-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat u kkonkludiet illi: *din il-Qorti, għalhekk, ma tistax ħlief tikkonkludi li l-konklużjonijiet milħuqa mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha u senjatament li "... Woodline Limited ġiet trattata b'mod differenti minn pagaturi oħra tat-taxxa in kwistjoni..." li kien hemm da parti ta' l-appellant "... trattament diskriminatorju fil-konfront ta' Woodline Limited ..." li "... jirriżulta ċar li l-imsemmija soċjetà ġiet trattata b'mod differenti minn debituri oħra tal-VAT...", li l-Pulizija ittrattat ma' Greta Bugeja b'mod li kien hemm "... trattament [li] ma sarx ma' numru kbir ħafna ta' debituri oħra u hawn tirriżulta d-diskriminazzjoni", li b'xi mod irriżulta li "... ma' dawk li ma jħallsux ma jintużawx l-istess miżuri" u li fil-konfront tas-soċjetà appellata intużat "... pressjoni diskriminatoarja speċjali fuqha aktar milli sar fil-kwantità kbira ta' każijiet oħra..." huma kollha konklużjonijiet ibbażati fuq apprezzament manifestament żbaljat tal-provi ... Konsegwentemennt l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fondat u din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fl-aggravji l-oħra. Għall-motivi premessi, tilqa' l-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tirrespinġi t-talbiet kif oriġinarjament dedotti mis-soċjetà Woodline Limited fir-rikors promotorju.*

Apparte l-fatt li r-Rikorrent jibbaża t-talba tiegħu fuq sentenza li rriżultat li ġiet imħassra u revokata mill-Qorti Kostituzzjonali, it-Tribunal iqis li t-talba għar-refużjoni tal-penali amministrattivi w imgħaxijiet imħallsa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud in forza tal-benefiċċju tat-tħassir ta' penali amministrattivi w imgħaxijiet a tenur ta' l-Avviż Legali 456 ta' l-2011 ma tistax tiġi milqugħa in kwantu li hija għal kollox ġuridikament improponibbli.

Mir-Regolament 1(2) ta' l-Avviż Legali 456 ta' l-2011 jirriżulta immedjatament evidenti li t-tħassir ta' imgħax u penali amministrattivi hemm kontemplat kien regolat bi proċedura stretta. In effetti l-imsemmi Regolament jipprovdi li *dawn ir-regolamenti jipprovdu għat-tħassir ta' imgħax u/jew penali amministrattivi inkorsi jew li għandhom jiddekorru taħt l-Atti* ***skond il-kundizzjonijiet u l-proċeduri li hemm fl-Anness A ta' dawn ir-regolamenti***[8]. Jirriżulta wkoll li ir-Regolamenti in kwistjoni ma kienux tali li jippermettu r-refużjoni ta' imgħaxijiet u penali amministrattivi già imħallsa fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tagħhom. Fir-rigward ir-Regolament 5 jipprovdi li ***xejn f'dawn ir-regolamenti ma għandu jintitola xi persuna li titlob rifużjoni ta' xi ammont li jirrappreżenta imgħax jew penali amministrattiva digà mħallsa lill-Kummissarju skond il-provedimenti ta' l-Att***[9]. Għall-fini ta' proċedura per se, l-Artikolu 1 ta' l-Anness A jipprovdi li: ***il-kundizzjonijiet u l-proċeduri segwenti għandhom japplikaw fuq arretrati ta' taxxa, imgħax u penali amministrattivi li huma dovuti minn persuna reġistrata taħt xi wieħed mill-Atti fil-15 ta' Ottubru 2011***[10].

Huwa evidenti għalhekk li sabiex jista' jibda biex jiġi kkontemplat jekk *taxpayer* jistax o meno jibbenefika mit-tħassir ta' penali amministrattivi w imgħaxijiet skond ir-Regolamenti in kwistjoni, ta' l-inqas dawn il-kondizzjonijiet appena imsemmija jridu, bla dubju ta' xejn, jissussistu, ħaġa li fil-każ in eżami però ma tirriżultax.

Huwa fatt inkonestat bejn il-partijiet kontendenti li r-Rikorrent ħallas il-penali amministrattivi u l-imgħaxijiet li kellu pendenti mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud **qabel** id-dħul fis-seħħ ta' l-Avviż Legali 456 ta' l-2011 u addirittura ferm qabel ma tħabbret l-amnestija li issa jesiġi li jibbenefika minnha. Fir-Risposta tiegħu l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li l-ħlas da parte tar-Rikorrent sar fl-14 ta' Jannar 2011 u li fiż-żmien meta' daħlu fis-seħħ ir-Regoli ta' l-Avviż Legali 456 ta' l-2011, u b'mod partikolari fil-15 ta' Ottubru 2011, ir-Rikorrent ma kellux pendenzi mad-Dipartiment. Dawn l-affermazzjonijiet tal-Kummissarju ma ġew bl-ebda mod kontradetti mir-Rikorrent anzi huwa stess ikkonferma fir-Rikors promotur illi f'Jannar 2011 ħallas dak minnu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk huwa ferm evidenti li l-kondizzjoni stipulata fl-Artikolu 1 ta' l-Anness A ta' l-Avviż Legali 456 ta' l-2011 fil-każ in eżami ma tissussistix bil-konsegwenza li r-Rikorrent ma jistax jippretendi li jibbenefika mit-tħassir ta' imgħax u penali amministrattivi kontemplat fl-imsemmi Avviż Legali. Dan iwassal għal ostakolu ieħor li għandu r-Rikorrent u cioè li t-talba tiegħu hija għar-refużjoni ta' imgħax u penali amministrattivi già mħassla, talba din li hija tassattivament prekluża bir-Regolament 5 ta' l-Avviż Legali 456 ta' l-2011.

[8] Enfasi tat-Tribunal.
[9] Enfasi tat-Tribunal.
[10] Enfasi tat-Tribunal.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, stante li r-Rikorrent ma jikkwalifikax għat-tħassir ta' penali amministrattivi w imgħaxijiet kontemplat fl-Avviż Legali 456 ta' l-2011, minn dan l-aspett ukoll it-tabla għar-refużjoni tal-penali amministrattivi w imgħaxijiet minnu già mħallsa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud mhux ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-Rikorrent kif dedotti fir-Rikors ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2012.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur tal-Partita 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Rikorrent u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**